MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 508/2005

**Frank Salt Real Estate Limited (C-31667)**

**Vs**

**Kevin u Sharon konjugi Crockford (Karti ta' l-Identità bin-Numri 261266M u 344670M rispettivament)**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avvizipprezentat mis-socjetà Frank Salt Real Estate Limited fil-5 ta' Ottubru 2005 permezz ta' liema titlob li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti konjugi Crockford ihallsuha s-somma ta' elfejn u tnax-il Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm2,012.50), illum ekwivalenti ghal €4,687.86, minnhom dovuti bhala hlas ta' *estate agency fees*, inkluz VAT, ghas-servizzi rezi fuq inkarigu w a beneficcju taghhom ai termini ta' ftehim ta' *sole agency* datat 24 ta' Gunju 2003, in konnessjoni ma' l-appartament Nru.2, Triq il-Gejza, Swieqi; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-20 ta' Mejju 2005 u ta' l-ittri legali datati 25 ta' Settembru 2003 u 9 ta' Ottubru 2003, u bl-imghaxijiet

legali dekoribbli mill-24 ta' Settembru 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti konjugi Crockford;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Crockford permezz ta' liema jeccepixxu preliminarjament (i) il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici ai termini ta' l-Artikolu 2148(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) l-insostenibilità ta' l-azzjoni attrici fil-konfront tal-konvenuta Sharon Crockford ai termini ta' l-Artikolu 1471 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex l-imsemmija konvenuta ma gietx notifikata bl-ittra ufficjali datata 20 ta' Mejju 2005 u b'hekk kwalunkwe assenjazzjoni illi seta' kien hemm ma' ghandha l-ebda forza legali fil-konfront taghha; (iii) b'referenza ghall-kontenut ta' l-ittra ufficjali datata 20 ta' Mejju 2005, is-socjetà attrici ghandha tipprova li effettivament assumiet f'isimha n-negozju shih tas-socjetà precedentement maghrufa bhala Frank Salt (Real Estate) Limited bin-Numru tar-Registrazzjoni C-2135, illum maghrufa bhala Frank Salt Investments Limited; u fil-mertu (iv) li l-konvenuti ma ghandhomx ihallsu *agency fees* lis-socjetà attrici, u b'hekk it-talba taghha ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontriha;

Rat is-sentenza preliminari tat-8 ta' Mejju 2007 bis-sahha ta' liema giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti konjugi Crockford, bl-ispejjez ta' dak il-gudikat kontra l-istess konvenuti;

Rat l-atti tal-kawza, inkluza s-sentenza pronuncjata fl-4 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet "Frank Salt Real Estate Limited v. Kevin Crockford" Avviz Nru. 3/04 a fol. 16 sa' 138 tal-process, rat id-dokument, ossia ittra ufficjali datata 20 ta' Mejju 2005, esebita mis-socjetà attrici u markata bhala Dok. "ND" a fol. 141 sa' 144 tal-process, rat id-dokument, ossia kuntratt fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin datat 24 ta' Gunju 2006, esebit mis-socjetà attrici u markat bhala Dok. "AS" a fol. 184 sa' 195 tal-process, rat it-traskrizzjoni tax-xhieda tan-Nutar Maurice Gambin mehdua mill-Assistent Giudizzjarju l-Avukat Dottor Tanya Sammut Catania waqt is-seduta tal-11 ta' Frar 2008[1], semghat ix-xhieda ta' Sean

[1] Fol. 198 tal-process.

Borg moghtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Ottubru 2008[2], rat id-dokument, ossia konvenju datat 29 ta' Settembru 2003, esebit mill-konvenuti konjugi Crockford u markat bhala Dok. "SB1" a fol. 209 sa' 210 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Grahame Salt moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Novembru 2008[3];

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet kontendenti u rat l-atti l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna s-socjetà attrici titlob li l-konvenuti konjugi Crockford jigu ikkundannati jhallsuha s-somma ta' Lm2,012.50 (illum ekwivalenti ghal €4,687.86), rapprezentanti *estate agency fees*, inkluza l-VAT, ghal servizzi rezi ai termini tal-ftehim ta' *sole agency* datat 24 ta' Gunju 2003, in konnessjoni ma' l-appartament Nru.2, Triq il-Gejza, Swieqi. Il-konvenuti konjugi Crockford jilqghu ghat-talba attrici b'diversi eccezzjonijiet ta' natura preliminari, ossia l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici ai termini ta' l-Artikolu 2148(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-insostenibilità ta' l-azzjoni attrici fil-konfront tal-konvenuta Sharon Crockford ai termini ta' l-Artikolu 1471 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u l-htiega tal-prova li s-socjetà attrici effettivament assumiet f'isimha n-negozju shih tas-socjetà originarjament maghrufa bl-isem Frank Salt Real Estate Limited bin-Numru tar-Registrazzjoni C-2135 u llum maghrufa bl-isem Frank Salt Investments Limited, u b'eccezzjoni fil-mertu li fi kwalunkwe kaz ebda *estate agency fees* ma huma dovuti minnhom lis-socjetà attrici.

Bis-sahha ta' sentenza preliminari pronuncjata fit-8 ta' Mejju 2007, giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti konjugi Crockford, bl-ispejjez ta' dak il-gudikat a karigu taghhom, u ghalhekk issa jehtieg li t-talba attrici tigi ikkunsidrata fid-dawl tar-rimanenti eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti.

---

[2] Fol. 206 sa' 207 tal-process.
[3] Fol. 212 sa' 213 tal-process.

Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel eccezzjoni li ghandha tigi trattata hija t-tielet eccezzjoni u cioè li s-socjetà attrici ghandha tipprova li effettivament assumiet in-negozju shih tas-socjetà Frank Salt Real Estate Limited bin-Numru tar-Registrazzjoni C-2135, illum maghrufa bl-isem Frank Salt Investments Limited.

Mill-provi prodotti jirrizultaw is-segwenti fatti:-

Fl-24 ta' Gunju 2003, intlahaq fethim ta' *sole agency* bejn il-konvenut *qua* venditur u s-socjetà Frank Salt Real Estate Limited *qua estate agent* dwar l-appartament Nru.2, Vanessa Court, Triq il-Gejza, Swieqi[4]. L-imsemmija socjetà inghatat *sole selling rights* ghal perijodu ta' tlett xhur mid-data tal-ftehim. Il-ftehim kien jipprovdi *inter alia* li f'kaz li l-appartament kellu jinbiegh bl-intervent tas-socjetà Frank Salt Real Estate Limited, il-konvenut kellu jhallasha *a commission of 5% of the sale price plus VAT at the approparite rate, on the date the sale is successfully concluded*. Kien jipprovdi wkoll li f'kaz li *the property is withdrawn from the market during the period of sole agency and it is sold in any way whatsoever during this period,* il-konvenut kellu xorta wahda jhallas *commission amounting to 3.5% if the sale price plus VAT at the appropriate rate* u jirrimborsha l-ispejjez li qual volta setghet ghamlet.

L-appartament in kwistjoni inbiegh mill-konvenuti konjugi Crockford lil certu Sean Borg bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin datat 24 ta' Gunju 2004[5], liema bejgh ma sehhx bl-intervent tas-socjetà Frank Salt Real Estate Limited. Ghalkemm il-bejgh imsemmi ma sehhx bl-intervent tas-socjetà Frank Salt Real Estate Limited, is-socjetà attrici tesigi hlas ai termini tal-ftehim ta' *sole agency* datat 24 ta' Gunju 2003, in bazi ghall-allegazzjoni li l-konvenuti konjugi Crockford ikkonkludew it-trasferiment minghajr l-intervent tas-socjetà Frank Salt Real Estate Limited fiz-zmien meta s-*sole agency agreement* kien ghadu vigenti u jorbot.

---

[4] Fol. 35 tal-process.
[5] Dok. "AS" a fol. 184 sa' 195 tal-process.

Is-socjetà Frank Salt Real Estate Limited ezistenti fid-data tal-ftehim ta' *sole agency* in kwistjoni kienet is-socjetà bin-Numru tar-Registrazzjoni C-2135, in segwitu maghrufa bl-isem Frank Salt Investments Limited. Is-socjetà Frank Salt Real Estate Limited bin-Numru tar-Registrazzjoni C-31667, ossia s-socjetà attrici, giet registrata fis-26 ta' Gunju 2003[6] u ai termini ta' l-Artikolu 77 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta bdiet tezisti legalment b'effett minn dik id-data. Is-socjetà attrici tippretendi hlas minghand il-konvenuti konjugi Crockford ai termini tal-ftehim ta' *sole agency* ta' l-24 ta' Gunju 2003, ghad illi f'dik id-data kienet ghadha ma tezistix, in bazi ghal ftehim li jidher li intlahaq bejn is-socjetà Frank Salt Real Estate Limited, bin-Numru tar-Registrazzjoni C-2135, Frank Salt, Douglas Salt, Grahame Salt u Alison Vella fit-12 ta' Gunju 2003[7].

Jidher li l-imsemmija partijiet kontraenti ftehmu *inter alia* li: (a) is-socjetà Frank Salt Real Estate Limited bin-Numru tar-Registrazzjoni C-2135 kellha tbiddel isimha ghal Frank Salt Investments Limited; (b) kellha tigi kostitwita socjetà gdida bl-isem ta' Frank Salt Real Estate Limited; (c) is-socjetà Frank Salt Invesments Limited kellha, wara r-registrazzjoni tas-socjetà l-gdida Frank Salt Real Estate Limited, tassenja lil din is-socjetà *the assets and liabilities, rights and obligations as set out in Schedule E hereto* li kellhom jinkludu *the assets and liabilities listed in Schedule F*, (d) l-assenjazzjoni ta' l-isemmija assi u djun minn socjetà ghall-ohra ma kellhiex timporta t-tmiem tar-relazzjonijiet guridici bejn is-socjetà Frank Salt Investments Limited u l-kredituri u debituri taghha, u s-socjetà Frank Salt Real Estate Limited kellha tagixxi ta' agent tas-socjetà Frank Salt Investments Limited fil-konfront ta' dawn il-kredituri u debituri; u li (e) *in addition to the assets and liabilities listed in Schedule F hereto, the Subsidiary shall be responsible for any future liabilities and/or be entitled to receive any further assets arising as a result of the business activities that have been carried out by the Parent Company up to and including 30 June 2003. This, includes but is not limited to any amounts due or receivable and any other rights and obligations*

[6] Dok. "NF1" a fol. 50 sa' 68 tal-process.
[7] Dok. "ND4" a fol. 116 tal-process.

*connected with … any pending contracts and/or commissions that may have been due to the Parent Company* – Klawsola 17.

Hija din l-ahhar klawsola, ossia Klawsola 17 tal-ftehim tat-12 ta' Gunju 2003, li tikkostitwixxi l-qofol tal-kwezit sollevat mill-konvenuti bit-tielet eccezzjoni taghhom. Il-ftehim tat-12 ta' Gunju 2003, senjatament l-imsemmija Klawsola 17, jikkostitwixxi ftehim ta' cessjoni ta' jeddijiet validu ai termini ta' l-Artikolu 1469 *et sequitur* tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif pretiz mis-socjetà attrici?

Ma hemmx dubju li l-intenzjoni tas-socjetà Frank Salt Real Estate Limited bin-Numru tar-Registrazzjoni C-2135, u llum maghrufa bl-isem Frank Salt Investments Limited, u ta' l-azzjonisti taghha kienet *inter alia* li l-jeddijiet ta' dik is-socjetà, inkluz il-jeddijiet nascenti min-negozju gestit minnha sa' u inkluz it-30 ta' Gunju 2003, jigu ceduti a favur is-socjetà il-gdid Frank Salt Real Estate Limited, una volta li din tigi kostitwita.

Ai termini ta' l-Artikolu 1469 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta *c-cessjoni jew bejgh ta' kreditu, ta' jedd, jew ta' azzjoni hija perfetta, u l-proprjetà taghhom tigi akkwistata ipso jure mic-cessjonarju, <u>hekk kif isir il-ftehim fuq il-kreditu, fuq il-jedd jew fuq l-azzjoni u fuq il-prezz, u, barra minn meta c-cessjoni tkun ta' jeddijiet trasferibbli bil-kunsinna tat-titolu, hekk kif isir l-att tac-cessjoni</u>*. L-Artikolu 1470(1) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jirribadixxi li *<u>c-cessjoni ma tiswiex jekk ma ssirx bil-miktub</u>*.

Ir-rekwizit li c-cessjoni tkun bil-miktub sabiex l-istess titqies legalment valida u effettiva huwa rekwizit mehtieg *ad validitatem,* b'dana li f'kaz li tali att bil-miktub ma jsirx ma jistax jitqies li tkun sehhet cessjoni ta' kreditu, jedd jew azzjoni skond il-kaz[8].

---

[8] Estelle Ripard et v. Paul Bartolo et, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Mejju 1988, Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. LXXII – II – I – 265; Maria Quintano v. Carmelo Fino et, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Settembru 1989, Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. LXXIII – II – 372; Mary Fenech et v. Carmelo Ellul et, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Gunju 1990, Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. LXXIV – II – I – 344.

Minn ezami ta' l-atti processwali ta' dan il-kaz ma jirrizultax illi fi jew wara s-26 ta' Gunju 2003 – id-data tar-registrazzjoni tas-socjetà attrici – sar ftehim bil-miktub ta' cessjonijiet ta' jeddijiet bejn is-socjetà Frank Salt Investments Limited bin-Numru tar-Registrazzjoni C-2135 u s-socjetà attrici Frank Salt Real Estate Limited bin-Numru tar-Registrazzjoni C-31667. B'hekk ma jirrizultax li l-intenzjoni espressa mis-socjetà Frank Salt Real Estate Limited bin-Numru tar-Registrazzjoni C-2135, illum maghrufa bl-isem Frank Salt Investments Limited, u l-azzjonisti taghha fil-ftehim tat-12 ta' Gunju 2003, giet effettivament attwata.

Già fis-sentenza fl-ismijiet "Frank Salt Real Estate Limited v. Kevin Crockford" Avviz Nru. 3/04SM deciza fl-4 ta' Mejju 2005, fejn dik is-socjetà attrici u s-socjetà attrici f'dawn il-proceduri huma l-istess socjetà, kien gie osservat li *mid-dokumentazzjoni prezentata ma jirrizultax li d-drittijiet u doveri tas-socjetà hemm indikata gew assunti mis-socjetà attrici jew minn dik li s-socjetà attrici qed tipproponi*[9]*.* In bazi ghal din ir-raguni u ragunijiet ohra moghtija f'dik is-sentenza, it-talba ghall-hlas tas-socjetà attrici fil-konfront tal-konvenut kienet giet michuda.

Wara dik is-sentenza is-socjetà attrici kienet, b'ittra ufficjali datata 20 ta' Mejju 2005[10], gharrfet lill-konvenut li b'effett mis-26 ta' Gunju 2003 kienet assumiet in-negozju shih tas-socjetà Frank Salt Real Estate Limited bin-Numru tar-Registrazzjoni C-2135, illum maghrufa bl-isem Frank Salt Investments Limited, *inkluz kull ftehim ta' agenzija, debiti jew krediti ezistenti mal-klijenti ta' dik is-socjetà* u li *ghaldaqstant, kwalsiasi relazzjoni guridika li kellek mas-socjetà Frank Salt Investments Limited (C 2135), gia maghrufa bl-isem ta' Frank Salt Real Estate Limited, u naxxenti mill-ftehim ta' sole agency iffirmat minnek fl-24 ta' Gunju 2003 in konnessjoni mal-appartament numru 2, Triq il-Gejza, Swieqi, ghandha titqies illi ceduta favur is-socjetà mittenti b'effett mis-26 ta' Gunju 2003*. Iddikjara li

[9] Fol. 134 sa' 138 tal-process.
[10] Fol. 141 tal-process.

dak l-avviz kien qed jinghata lill-konvenut ai termini ta' l-Artikolu 1471 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-fehma tal-Qorti ghalkemm wara l-imsemmija sentenza ta' l-4 ta' Mejju 2005 is-socjetà attrici gharrfet lill-konvenut b'din il-pretiza cessjoni ta' jeddijiet, is-sitwazzjoni reali ma nbidlitx ghaliex tibqa' l-kwistjoni fondamentali li ma jirrizultax li fi jew wara s-26 ta' Gunju 2003 sar ftehim ta' cessjoni ta' jeddijiet bejn is-socjetà Frank Salt Investments Limited u s-socjetà attrici. It-taghrif gudizzjarju ta' cessjoni ta' jeddijiet hu importanti ghall-fini li c-cessjonarju jista' jezercita fil-konfront ta' terzi, inkluz il-pretiz debitur, il-jeddijiet lilu ceduti, izda dan it-taghrif jippresupponi, anzi jesigi l-ezistenza ta' ftehim bil-miktub[11]; ftehim bil-miktub li, jigi ribadit, f'dan il-kaz ma jirrizultax.

Is-socjetà attrici tikkontendi li c-cessjoni tal-jedd tas-socjetà Frank Salt Investments Limited li tippercepixxi l-hlas nascenti mill-ftehim ta' *sole agency* datat 24 ta' Gunju 2003 sehhet favur taghha bis-sahha tal-ftehim datat 12 ta' Gunju 2003. Dana johrog car mix-xhieda li ta Grahame Salt waqt is-seduta tal-11 ta' Novembru 2008, fejn qal *id-dokument illi hemm a fol. 116 u 117 hija skrittura minn fejn l-assi u d-debiti li kien hemm fil-kumpanija l-antika bl-isem Frank Salt Real Estate Limited gew trasferiti kollha kemm huma fuq il-kumpanija l-gdida bl-istess isem ta' Frank Salt Real Estate Limited*[12] u min-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà attrici fejn jinghad illi *dokument ND4, konsistenti f'extract mill-ftehim ta' nhar it-12 ta' Gunju 2003 bejn Frank Salt, Douglas Salt, Grahame Salt, Alison Vella u Frank Salt (Real Estate) Limited (C-2135), juri bic-car kif is-socjetà attrici effettivament assumiet in-negozju shih ta' l-istess Frank Salt (Real Estate) Limited (C-2135), illum maghrufa bhala Frank Salt Investments Limited*[13]*.*

Il-Qorti però ma taqbilx ma' dak pretiz mis-socjetà attrici ghaliex fil-fehma Taghha il-ftehim tat-12 ta' Gunju 2003 ma jikkostitwixxix ftehim bil-miktub ta' cessjoni ta' jeddijiet

[11] Emmanuela sive Lily Schembri v. Marco Aroyo, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Dicembru 1949, Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. XXXIIIE – II – 446.
[12] Fol. 212 sa' 213 tal-process.
[13] Fol. 219 sa' 227 tal-process.

ai termini ta’ l-Artikolu 1469 *et sequitur* tal-Kap.16 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Il-partijiet kontraenti fil-ftehim tat-12 ta’ Gunju 2003 kienu s-socjetà Frank Salt Real Estate Limited bin-Numru tar-Registrazzjoni C-2135, illum maghrufa bhala Frank Salt Investments Limited, Frank Salt, Douglas Salt, Grahame Salt u Alison Vella, u ghalkemm mill-Memorandum & Articles of Association tas-socjetà Frank Salt Real Estate Limited bin-Numru tar-Registrazzjoni C-31667 esebit fl-atti, jirrizulta li s-socjetà Frank Salt Investments Limited, Douglas Salt, Grahame Salt u Alison Vella saru azzjonisti ta’ dik is-socjetà u Frank Salt, Douglas Salt, Grahame Salt u Alison Vella saru diretturi taghha, ma jistax jitqies li dak il-ftehim tat-12 ta’ Gunju 2003 jikkostitwixxi ftehim ta’ cessjoni ta’ jeddijiet mis-socjetà Frank Salt Investments Limited, già maghrufa bl-isem Frank Salt Real Estate Limited, a favur is-socjetà attrici, kif pretiz mill-istess socjetà attrici.

Ir-raguni ghal dan hija li fid-data ta’ dak il-ftehim is-socjetà attrici kienet ghadha mhux registrata u b’hekk legalment inezistenti. Il-ftehim tat-12 ta’ Gunju 2003 kien biss espressjoni ta’ intenzjoni tal-partijiet ghal dak l-istess ftehim u xejn iktar. Il-pretensjoni tas-socjetà attrici setghet ikollha xi forma ta’ fundament legali biss kieku l-ftehim tat-12 ta’ Gunju 2003 gie milhuq fi jew f’data wara s-26 ta’ Gunju 2003, ossia fi jew wara d-data tar-registrazzjoni ta’ dik l-istess socjetà.

Minn dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li l-premessa centrali fuq liema s-socjetà attrici tibbaza l-azzjoni taghha fil-konfront tal-konvenuti konjugi Crockford, u cioè li r-relazzjoni guridika li l-konvenuti Crockford kellhom mas-socjetà Frank Salt Investments Limited, già maghrufa bl-isem Frank Salt Real Estate Limited, u nascenti mill-ftehim ta’ *sole agency* datat 24 ta’ Gunju 2003 relattiv ghall-appartament numru 2, Triq il-Gejza, Swieqi, giet ceduta favur taghha b’effett mis-26 ta’ Gunju 2003, ma tirrizultax debitament ippruvata u ghaldaqstant l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi.

Stabbilit dan il-punt huwa evidenti li ma huwiex il-kaz li jigu trattati t-tieni u raba' eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti u ghaldaqstant il-Qorti tastejni milli tiehu konjizzjoni taghhom.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tastejni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u raba' eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti konjugi Crockford, tilqa' t-tielet eccezzjoni taghhom fis-sens illi s-socjetà attrici ma irnexxilhiex tipprova li effettivament assumiet f'isimha n-negozju shih tas-socjetà Frank Salt Investments Limited, già maghrufa bhala Frank Salt Real Estate Limited, b'effett mis-26 ta' Gunju 2003, u li l-jedd li tippercepixxi hlas minghandhom ai termini tal-ftehim ta' *sole agency* datat 24 ta' Gunju 2003 gie cedut lilha, u tichad it-talba attrici.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, salv ghal dak già deciz dwar l-ispejjez pertinenti ghas-sentenza preliminari datata 8 ta' Mejju 2007, jibqghu a karigu tas-socjetà attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------